MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-12 ta' Jannar, 2007

Numru. 109/2005

**Il-Pulizija**
**(Sp. Angelo Caruana)**
**(Sp. Stephen J. Gatt)**

**v**

**Ignatius Joseph Fenech ta' 18 sena bin Carmelo u Antonia Debattista mwieled Pieta' fil-26/04/1986, residenti fil-fond 186, Triq St Elena, Sliema, kif ukoll 'Farmhouse', Triq it-Tonn, San Pawl il-Bahar, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 219186 (M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Ignatius Joseph Fenech li gie akkuzat talli f'Ta' Xbiex, fil-perjodu ta' bejn 16 u 19 ta' Lulju, 2004, flimkien ma' persuni ohra ikkommetta serq ta' ghamara antika, pittura u affarijiet ohra tad-dar mil-fond Villa Lares, Triq Augustus Bartolo, Ta' Xbiex, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-elf (Lm 1000) lira Maltin, bil-hin u bil-lok li sehh ghad-detriment ta' Hubert Mifsud.

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fil-konfront ta' l-akkuzat taht liema hemm mahsub li tista' tinstab htija u cioe:

(a) fl-artikoli 261(b)(c)(e)(f), 263, 264, 265, 266, 267, 270, 278, 279, 280 u 281 tal-Kodici Kriminali
(b) fl-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali

Rat li moqrija l-artikoli msemmija, imputat ta l-kunsens tieghu ghal proceduri sommarji (a fol 66).

Ikkonsidrat

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkonsidrat

Illi l-mertu ta' din il-kawza jikkoncerna serq ta' ghamara antika minn villa mhux abitata gewwa Ta' Xbiex appartenenti lill-konjugi Mifsud. Dawn fil-fatt it-tnejn xehdu illi kienu huma li poggew l-ghamara u fajjenza ohra god-dar derubata. Eskludew li ghajr ghall-handyman taghhom, impjegat mar-ragel Hubert Mifsud hadd izjed la kien inovlut fil-garr ta' din l-ghamara u lanqas ma kien jidhol go din il-villa. Min-naha tieghu dan l-istess Joseph Vella l-handyman iddepona li huwa kien gieli uza wkoll is-servizzi ta' certu Joseph Camilleri. Eskluda dana Joseph Vella li prezenti fl-awla la kien hemm dana Vella u lanqas ma kien hemm ebda persuna prezenti li ghenu jnizzel jew idahhal l-ghamara misruqa fil-villa.

Illi Hubert Mifsud anke xehed (del resto bhal martu) fl-Inkjesta Magisterjali u kien hemm li ta l-valur ta' ghamara li nsterqet, valur li certament u bla dubju jaqbez l-elf lira Maltin u li qatt ma gie kkontestat.

Illi kif ben irrizulta mill-ezami komparattiv li ghamel l-espert mahtur Joseph Mallia jirrizultaw illi nstabu positive matches bejen certu mpronti digitali elevati mill-fond misruq (mhux minn fuq l-ghamara) dawn mehuda b'ordni tal-Magistrat Inkwirenti minn fuq il-persuna ta' Ignatius Fenech u cioe l-imputat.

Fil-fatt din il-Qorti ghamel l-enfazi li l-impronti ta' Fenech ma nstabux fuq l-ghamara pero' mill-konkluzjonijiet ta' l-espert Mallia jirrizulta fis-sit misruq nstabu impronti kemm ta' l-id ix-xellugija kif ukoll leminija ta' Fenech. Dawn l-impronti digitali nstabu fuq per ezempju Dok 04 BXF 307 JH li hija rota misjbua fil-kuritur ta' isfel tal-villa misruqa (vide fol 10 ta' l-inkjesta u fol 10 ta' Dok JM1). Jirrizulta wkoll li mpronta ta' pala ta' l-id ix-xellugija ta' Ignatius Fenech instabet ukoll fuq il-poggaman tat-tarag gol-villa derubata (vide fol 12 tal-Proces Verbal b'referenza ghad-deskrizzjoni tad-dokument 04 BXF 320 JH u konkluzjoni Dok JM1 a fol 23).

L-istess jista' jinghad ghal marka ohra ta' id il-leminija ta' Ignatius Fenech, impronta misjuba wkoll fuq il-poggaman (Dok 04 BXF 321 JH vide fol 12 tal-PV u fol 26 ya' Dok JM1).

Harsa lejn il-konkluzjonijiet li wasal ghalihom l-espert Mallia turi illi diversi mpronti ohra minn wahda minn id l-imputat instabu fis-set misruq u dawn mhux fuq l-ghamara kif ikkontenda l-abbli Avukat Difensur.

L-istess Fenech (l-akkuzat) fl-istqarrija minnu rilaxxati lill-Ispettur Gatt ghazel (kif inhu drittu) li ma jaghti ebda spjegazzjoni ghas-sejba ta' dawn l-impronti pero' qisu jissuggerixxi xi konnessjoni xejn cara bejn dan il-fatt u li hu kien jaghmel xi xoghol ta' garr ghal zijuh (!!)

Ikkonsidrat

Illi tibda din il-Qorti biex tippremetti illi xejn ma taqbel mal-preokkupazzjoni li wera l-imputat ghall-fatt li meta l-espert Mallia ghamel l-ezami komparattiv bejn l-impronti elevati mis-Scene of Crime Officers fuq ix-xena tad-delitt u dawn mehuda minn fuq il-persuna ta’ Fenech l-istess Fenech ma kienx prezenti. Fl-ewwel lok din il-Qorti ghandha piena fiducja fl-abilita’ u x-xoghol u integrita’ ta’ l-espert Mallia. Fit-tieni lok ezamijiet ta’ natura teknika u mekkanika li tinnecessita li ssir fil-laboratorju ma ssirx fil-prezenza ta’ l-akkuzat, dana bhala fatt ma jnaqqas qatt mill-integrita’ u veracita’ tal-konkluzjonijiet estratti. Id-Difiza ghandha kull opportunita’ ta’ kontroll in kwantu l-ezami huwa ben dokumentat ta’ l-espert Mallia Dok JM1.

Lanqas ma taqbel il-Qorti ma’ dak espost mill-Avukat Difensur u cioe illi din il-prova wahda cirkostanzjali ta’l-impronti digitali anzi ta’ l-impronti ta’ l-idejn ta’ Fenech ma tista’ qatt twassal ghal htija. Anzi din il-provi hija konducenti ghal htija maghduda mal-fatt illi hadd mis-sidien jew il-handyman Vella, qatt ma awtorizzaw jew talbu l-ghajnuna ta’ Ignatius Fenech biex ikun fil-fond misruq.

Ghaldaqstant din il-Qorti ssib lil Ignatius Fenech hati tar-reati lilu addebitati u dan wara li rat l-artikoli 261, 263, 265, 266, 257, 269, 270, 278, 279, 281 tal-kapitlu 9. Rat l-artikolu 17 tal-Kapitlu 9.

Dwar il-piena rat il-fedina penali ta’ l-akkuzat li per parentesi ghalkemm ma ggibx l-istess isem ta’ dak imnizzel fl-akkuza certament iggib l-istess numru tal-karta tal-identita’, ikkonsidrat il-valur ta’ l-ghamara misruqa, u qeghda tikkundanna lil Ignatius Fenech ghal piena ta’ prigunerija ta’ erba’ snin.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------